MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Numru. 492/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**VS**

**PAUL ANDREWS**
**DIEGO ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Andrews, detentur tal-Karta tal-Identita` Maltija numru 735262M u l-imsemmi Diego Attard, detentur tal-Karta tal-Identita` Maltija numru 574985M.

**Akkuzati talli:**

Gewwa Attard nhar is-26 ta` April 2010 f'xi hin bejn id-disgha nieqes kwart ta` filghou (09:50hrs) u it-tlieta u ghaxra ta` wara nofsinhar (15:10hrs) ikkommettew serq minn residenza bl-isem 'Cipress', sitwata fi Triq iz-Zir, Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jiskorri elfejn tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu, u dan ghad-deteriment ta` Roger Calleja u/jew persuni ohra.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u li saret ghad-deteriment tal-imsemmi Roger Calleja u/jew persuni ohra.
Lil Paul Andrews wahdu akkuzat talli kiser il-provedimneti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenza moghtija lilu fis-6 ta` Ottubru, 2008, mill-Qorti tal-Magistrat (Malta), Magistrat Dr. Edwina Grima, LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

**Il-Qorti:**

Wara li ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (e), 263 (a), 264 (1), 265, 266, 267, 269 (g), 278 (2) (3), 279 (b), 280 (2), 281, 325 (1) (b), 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li l-Qorti hija nnifisha kkonstatat illi x-xhieda tal-imputat Diego Attard fil-konfront tal-imputat Paul Andrews u hadet in konsiderazzjoni din ix-xhieda kif ukoll il-kors shih tal-evidenza prodotta mill-Qorti;

Dina l-Qorti ssib lill-imputat Paul Andrews hati ta` din is-serqa u ghaldaqstant tikkundannah ghal perjodu ta` sentejn (2) prigunerija effettiva.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------